MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Numru. 1348/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**

**vs**

**Tonio Grixti**
**Raffaele Calleja**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Tonio Grixti detentur tal-karta tal-identita` numru 6592(M); u l-imsemmi Raffaele Calleja detentur tal-karta tal-identita` numru 363493(M).

Akkuzati talli nhar id-9 ta’ Ottubru 2010, ghall-habta ta’ 06.30 hrs gewwa San Giljan:
1. Volontarjament ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu

hsara fuq mutur tal-ghamla Suzuki b'numru ta' registrazzjoni FAL253 ghad-dannu ta' Emanuel Tanti jew persuni ohra, u mutur tal-ghamla Yamaha b'numru ta' registrazzjoni FAI293 ghad-dannu ta' Mary Rose Zammit jew persuni ohra liema hsara komplessiva ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

2. Talli fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi, bil-hsieb biss li jaghmlu uzu temporanju saqu l-imsemmija muturi kemm b'forza mekkannika jew b'mod iehor naqsu li jkollhom permess minghand is-sidien;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu jinsabu fis-sakra b'mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` u l-Artikoli 338(ff) u 325(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 61(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija miz-zewg akkuzati ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom, u l-konferna ta' tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhom, qed issib lill-imputati Tonio Grixti u Raffaele Calleja hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggihom taht Probation Order ghal zmien sitt (6) xhur fejn ghandu jitqabbad ufficjal apposta sabiex jissorveljahom.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------